



---

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

---

**2015/2233(INI)**

18.11.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea dwar in-negozjati  
rigward il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA)  
(2015/2233(INI))

Rapporteur: Monika Vana

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li għejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi, minkejja li l-impatt li jkollhom il-ftehimiet kummerċjali fuq in-nisa huwa differenti minn dak li jkollhom fuq l-irġiel minħabba l-inugwaljanzi bejn is-sessi li jeżistu f'ċerti setturi, il-konsultazzjoni pubblika dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA) m'għamlet ebda referenza għall-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni lill-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, u jeżisti nuqqas ta' kunsens dwar kif jiġu integrati l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-kummerċ, u d-dimensjoni tal-ġeneru attwalment hija integrata fil-politiki u l-ftehimiet ta' kummerċ b'mod limitat biss; billi l-konsegwenzi speċifiċi għall-ġeneri tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ li għaddejjja bħalissa għad iridu jiġu investigati bis-sħiħ;
- B. billi s-suċċess tal-politika kummerċjali għandu jiġi ġġudikat skont jekk din għandhiex l-istess impatt pozzittiv kemm fuq in-nisa kif ukoll fuq l-irġiel, u għaldaqstant għandhom jiġu studjati, analizzati u identifikati, mill-istadji preliminari, id-diversi effetti kumplessi fuq il-ġeneri; jinnota li l-prinċipju ta' prekawzjoni għandu jservi bħala bażi f'dan il-każ ukoll;
- C. billi r-relazzjonijiet bejn is-sessi jinfluwenzaw l-attivitajiet u l-proċessi ekonomiċi kollha u huma riflessi fi kwistjonijiet marbuta max-xogħol, l-impjeg u s-salarji; billi n-nisa għadhom qed jiġu diskriminati fil-livell strutturali, u d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, pereżempju, għadha teżisti fl-irkejjen kollha tad-dinja; billi d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa tintuża wkoll bħala vantaġġ kompetittiv, iżda għandu jitwettaq ftehim kummerċjali biex ixerjen din id-differenza;
- D. billi l-Parlament ma kellux il-possibilità li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu qabel ma l-Kunsill adotta mandat ta' nneozjar għall-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA) u fl-4 ta' Lulju 2013 ivvota għal mozzjoni għal rizzoluzzjoni biex jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar il-mandat ta' nneozjar għat-TiSA;
- E. billi n-nisa fid-dinja jbatu b'mod partikolari mill-effetti tat-tibdil fil-klima u, b'konsegwenza ta' dan, xi wħud minnhom ikollhom jabbandunaw djarhom; jinnota li l-politika kummerċjali għandha ttipprova tipprevjeni dan milli jseħħ, u għaldaqstant għandha titfassal b'kont meħud tas-sostenibilità ambjentali;
- F. billi numru ta' nisa oġhla mill-medja huma impjegati fis-servizz pubbliku jew fis-settur tas-servizz pubbliku u, bħala utenti ta' dawn is-servizzi, huma aktar dipendenti mill-irġiel fuq servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, bi prezz li jista' jintlaħaq, li jinsabu f'post konvenjenti u li jitmexxew mid-domanda, b'mod partikolari fir-rigward ta' servizzi soċjali bħat-tħaris tat-tfal u l-kura tal-anzjani; billi, minħabba r-restrizzjonijiet u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi, kif ukoll iż-żidiet fil-prezzijiet, teżisti t-tendenza li r-responsabilità għal dawn is-servizzi tingħata lil nisa mhux imħallsa li, b'rizzultat ta' dan, ma jistgħux jiddedikaw ruħhom għal impjeg li jista' jiġi assigurat jew jistgħu jiġu impjegati b'assigurazzjoni biss fuq bażi part-time;

- G. billi restrizzjoni jew tnaqqis fis-servizzi u l-prestazzjonijiet pubbliċi ġeneralment jissarrfu fi spejjeż u riskji marbuta max-xogħol li jaqgħu fuq ħaddiema mhux imħallsa li jipprovdu l-kura u fuq l-ekonomija domestika, li primarjament hija femminili, u konsegwentement jagħmluha aktar diffiċli biex tintlaħaq l-ugwaljanza bejn is-sessi;
- H. billi, għalkemm it-TiSA jaf jikkostitwixxi opportunità għal tkabbir sostenibbli, dan għandu jħeġġeġ ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiki u jippromwovi l-konformità ma' standards oġhla tad-drittijiet tal-bniedem għall-partijiet ikkonċernati kollha; billi t-TiSA għandu, bħala tali, itejjeb l-ugwaljanza bejn is-sessi u m'għandu bl-ebda mod idgħajjef il-progress li kisbu l-UE u l-Istati Membri tagħha f'dan il-qasam;
- I. billi t-TiSA huwa maħsub biex jistabbilixxi mudell ġdid għall-kummerċ globali, b'51 parteċipant li jirrappreżentaw 70 % tal-kummerċ dinji fis-settur tas-servizzi, u huwa kruċjali li kwalunkwe arranġament kummerċjali globali ġdid itejjeb l-ugwaljanza bejn is-sessi;
1. Jenfasizza li r-rispett għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huwa rekwiżit ġuridiku vinkolanti li l-Kummissjoni għandha timplimenta, fost affarijiet oħra, permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt għas-sostenibilità; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tinkludi indikaturi speċifiċi għas-sessi u twestaq valutazzjoni tal-impatt speċifiku għall-ġeneru, diżaggregata skont l-età u l-fattori soċjoekonomiċi u li tirrifletti r-rwolli differenti tan-nisa, bil-għan li jiġi ggarantit li l-UE tirrispetta u tippromwovi d-drittijiet tan-nisa b'mod li ħadd ma jkun jista' jmaqdar;
  2. Jisħaq li l-UE hija obbligata li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u tal-konsumatur, għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u għall-istandards soċjali u ambjentali; jemmen li dawn il-valuri għandhom jiggwidaw il-kummerċ transnazzjonali u nazzjonali, inklużi ftehimiet kummerċjali bħat-TiSA li għandu jintuża wkoll bħala mezz biex dawn l-oġettivi jiġu appoġġjati b'mod attiv;
  3. Jemmen li l-Kummissjoni għandha timmonitorja u, tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tat-TiSA, tevalwa l-impatt tal-ftehim fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi bejn l-irġiel u n-nisa u fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;
  4. Iqis madankollu li l-Istati Membri kollha firmatarji tat-TiSA għandhom jimpenjaw ruħhom biex jiżguraw ir-rispett tal-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, anki fir-rigward tal-liberalizzazzjoni u l-ftuħ tas-swieq nazzjonali u lokali;
  5. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-akbar trasparenza possibbli tat-testi rilevanti u, fejn xieraq, tiġi żgurata l-kwalità tan-negozjati li jkun għaddejjin;
  6. Jiddispjaċih li n-nisa mhumiex rappreżentati biżżejjed fis-settur tal-kummerċ Ewropew u fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, u li ftit li xejn tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-irġiel u n-nisa jingħataw opportunitajiet indaqs biex ikollhom aċċess għas-servizzi;
  7. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kunsill ma stenniex l-opinjoni tal-Parlament qabel ma ta l-mandat, u jqis li din hija opportunità mitlufa biex in-negozjati jsiru għalkollox demokratiċi u biex jiġu involuti dawk li mill-bidu nett jaf jintlaqtu l-aktar mit-TiSA, pereżempju n-nisa;

8. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm u żżid il-koerenza politika bejn politiki differenti iżda marbutin ma' xulxin, bħalma huma l-kummerċ, l-iżvilupp, l-impjieg, il-migrazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u biex tinkludi l-impatt fuq id-drittijiet tan-nisa u l-bniet, it-tiżiħ tal-pożizzjoni tagħhom, kif ukoll id-dritt għas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjieg, l-ikel u l-ilma; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dawn il-kunsiderazzjonijiet fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha biex tevita kwalunkwe impatt negattiv mit-TiSA, jew minn interazzjonijiet bejn diversi ftehimiet kummerċjali;
9. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-UE teżerċita r-rieda politika tagħha sabiex tiżgura li l-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali u lokali jkollhom il-fakultà sħiħa li jintroduċu, jadottaw, iżommu jew jirrevokaw kwalunkwe miżura rigward l-ikkummissjonar, l-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-forniment tas-servizzi pubbliċi, u teskludi b'mod partikolari s-servizzi soċjali kollha, dawk iffinanzjati minn fondi pubbliċi kif ukoll privati, mill-kamp ta' applikazzjoni tat-TiSA, u tinkludi klawwsola ta' riferiment ("gold-standard clause") għal dawn is-servizzi sabiex tħares il-kwalità tagħhom; jiżgura, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tal-edukazzjoni u s-saħħa, u li l-aċċess tan-nisa u l-bniet għal dawn is-servizzi jiġi żgurat f'kull ħin;
10. Jinsab imħasseb li l-impatt tat-TiSA jaf ikun ippreġudikat f'dak li għandu x'jaqsam mas-sessi; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn is-sessi fit-timijiet tan-negozjati u, jekk meħtieġ, li jiġu previsti miżuri li jqisu l-kwistjonijiet relatati mas-sessi fl-Istati Membri meta jkun qed jiġi implimentat it-TiSA;
11. Jappella għall-inklużjoni ta' klawwsola dwar id-drittijiet tal-bniedem fit-TiSA li tinkludi l-ugwaljanza bejn is-sessi, bil-għan li tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniet u n-nisa u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kummerċ u s-servizzi, kif ukoll l-inklużjoni ta' indikaturi xierqa biex jiġi żgurat li l-ugwaljanza bejn is-sessi tkun iggarantita meta jiġi implimentat it-TiSA
12. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru statistika diżaggregata skont is-sess biex jivvalutaw aħjar l-impatt tal-politiki u l-ftehimiet kummerċjali fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, u jimplementaw miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva;
13. Jitlob lill-Kummissjoni tigarantixxi li kriterji ekoloġiċi u soċjali, inkluż il-kriterju tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ikunu jistgħu jiġu applikati fl-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku;
14. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li meta t-TiSA jindirizza s-servizzi tal-ICT, dan ikun kompatibbli maż-żieda fir-rappreżentanza tan-nisa fis-settur;
15. Jitlob li jitkomplew u li jiżdiedu, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew dwar it-TTIP, l-isforzi li għaddejjin biex tiżdied it-trasparenza fin-negozjati billi d-dokumenti kollha rilevanti għat-TiSA jiġu ppubblikati minnufih, inklużi l-proposti tan-negozjati, b'mod speċjali t-testi tan-negozjati kkonsolidati; iħegġegħ biex jissaħħaħ l-impenn kontinwu u trasparenti mal-parlamenti nazzjonali u l-ministeri rilevanti kollha fil-livell tal-Istati Membri; jappella biex il-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment l-organizzazzjonijiet tan-nisa, u s-sħab soċjali Ewropej, jitħallew jipparteċipaw fil-proċess tan-negozjati;
16. Iqis li huwa kruċjali li l-ftehim jinkludi klawwsola li tippermetti lill-pajjiżi jreġġgħu lura l-

liberalizzazzjoni tas-servizzi, speċjalment f'każ li l-liberalizzazzjoni jkollha effetti negattivi fuq in-nisa; jitlob, għaldaqstant, li tiġi stabbilita lista pożittiva u li l-klawsoli ta' sospensjoni ("standstill clauses") u l-klawsoli ta' aġġustament predefinit ("ratchet clauses") jiġu esklużi mill-ftehim.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	12.11.2015
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 9 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Daniela Aiuto, Maria Arena, Catherine Bearder, Beatriz Becerra Basterrechea, Malin Björk, Anna Maria Corazza Bildt, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Angelika Mlinar, Maria Noichl, Margot Parker, Terry Reintke, Liliana Rodrigues, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jadwiga Wiśniewska, Anna Záborská
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Stefan Eck, Eleonora Forenza, Mariya Gabriel, Constance Le Grip, Elly Schlein, Branislav Škripek, Dubravka Šuica, Monika Vana
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Seb Dance, Davor Ivo Stier, Claudiu Ciprian Tănăsescu